MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Numru. 257/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Godwin Scerri**

**vs**

**Silio Schembri**

Il-Qorti ;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Silio Schembri ta’ 23 sena, iben Raymond u Rita xebba Farrugia, imwieled Pieta’ fit-28 ta’ Mejju 1988 u residenti gewwa fond nru 8, Triq il-Biedja Hal Farrug, Luqa u detentur tal-karta tal-identita’ numru 264688(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar 4 ta' Marzu 2012 ghal habta tas-2:15am, waqt li kien gewwa 'Places Bar' sitwat fi Triq Ball f'Paceville, San Giljan;

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Richard Bernard f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, hekk kif iccertifikat Dr. Sharon Zammit, ta' l-Isptar Mater Dei.

B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hruq, jew ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u dan ghad dannu ta' John Tanti u dan bi ksur ta' artiklu 328(c) tal-Kap 9.

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Richard Bernard f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Richard Bernard liema offiza gravi gabet marda tal-mohh jew tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed (per durata) kif iccertifika Dr. Dorian Xuereb.

Il-Qorti kienet gentilment biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-isem u tapplika il-provedimenti tal-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 30 ta’ Novembru 2012 (esebita a fol. 120 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 214, 215, 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) Fl-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(d) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta’ Dicembru 2012, l-imputat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi;

Semghet it-Trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fis-sighat bikrin ta' filghodu tal-4 ta' Marzu 2012 fl-istabbiliment ta' divertiment 'Places', f'Ball Street, Paceville, San Giljan bejn l-imputat Silio Schembri u l-parti civili Richard Bernard fejn dan tal-ahhar sofra griehi f' xufftejn u ksur f'idu liema griehi gew klassifikati bhala ta' natura gravi per durata.

Il-parti leza Dr. Richard Bernard xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2012 fejn qal li dakinhar tal-incident kien qieghed mal-hbieb tieghu Paceville u wara li marru f'diversi stabbilimenti ohra dahal fl-istabbiliment 'Places' flimkien ma' habib tieghu Nicholas Bianco fejn hadu drink izda ma tantx damu. Huwa kompla jghid li waqt li huma kienu hergin 'l barra minn 'Places', hass daqqa ta' ponn f'wiccu u waqa' mal-art u huwa kellu hafna demm ma' wiccu. Dr. Bernard  jghid li huwa sofra griehi fuq xufftejn fejn kellhom isirulu punti kif ukoll fuq subghajh tal-id ix-xellugija. Huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna li tatu d-daqqa peress li ezatt wara d-daqqa ra lil din il-persuna tinzamm mill-Pulizija u minn xi bouncers. L-imputat kompla jghid li kellu jsirlu plastic surgery minn Dr. Francis Darmanin[1]. Huwa spjega li malli qala' d-daqqa ta' ponn waqa' fuq xi hgieg fejn qata' idejh[2] u huwa esebixxa ritratti tal-feriti li huwa sofra dakinhar tal-incident (a fol 30 et seq RB 1 sa RB 4).

[1] Mr. Francis Darmanin xehed fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2012 fejn qal li huwa plastic surgeon fejn jahdem gewwa Mater Dei. Huwa kien rah jumejn wara l-operazzjoni fejn irrizulta li fil-ferita fuq xufftejn kien ghad hemm bicca hgiega fejn anki kien hem muskolu li kien maqtugh. Huwa kkonferma (a fol 47) li kien hemm sfregju permanenti fuq il-wicc.

[2] Gie konstatat mill-Qorti li huwa kellu ferita fuq idejh li kienet evidenti (a fol 28). Ara wkoll RB 4 a fol 33.

Fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2012 xehdet Dr. Sharon Zammit li kkonfermat li c-certifikat mediku esebit a fol 7 tal-atti processwali nhareg minnha u spjegat li ghalkemm hija ma kinitx indikat li kien hemm ksur f'idejn Dr. Bernard hija kienet rat X-Rays li kienu jindikaw li kien hemm ksur f'idejh[3]. Waqt l-istess udjenza xehed ukoll John Tanti li qal li huwa s-sid tal-Club Places fejn gara l-incident u spjega li fil-gurnata in dizamina kien ra kommozzjoni fejn il-bouncers tal-club bdew izommu persuna u cempel lill-Pulizija u qal lill-persuna mwegga' sabiex imur l-isptar minhabba li kellu hafna demm ma' wiccu. Huwa qal li bhala konsegwenza ta' dan l-incident huwa sofra hsara fejn inkiser xi materjal tal-Corian u l-hsara kienet tammonta ghal tlett mitt Ewro.

L-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv l-iISpettur Godwin Scerri xehed fl-udjenza tat-8 ta' Gunju 2012 fejn qal li huwa fil-gurnata in dizamina kien gie nfurmat li persuna sofriet griehi gravi f'wiccha u kellha tittiehed l-isptar. Huwa spjega li meta l-imputat Silio Schembri gie nterrogat fuq dan l-incident dan kien qal li kollox inqala' minhabba li l-persuna l-ohra beda' jittantalu t-tfajla u kien qieghed il-hin kollu johrog subghajh tan-nofs lejh u kif ra hekk huwa qam ghalih u tah daqqa ta' ponn f'wiccu bil-konsegwenza li dan waqa' fuq kolonna tal-hgieg u wegga'. Giet

[3] Mr Dorian Xuereb li jahdem gewwa d-Dipartiment tal-Ortopedija xehed fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2012 fejn ikkonferma li Dr. Richard Bernard kellu ksur f'idu u nefha wkoll fejn irrizulta li kellu ksur fl-ghadam tal-id ix-xellugija. Il-griehi gew konfermati li kienu gravi per durata.

esebita stqarrija tal-imputat (dok GS1[4] a fol 68) u r-rifjut li huwa jikkonsulta ma' Avukat.

Fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2012 xehed il-persuna li kien qed jakkompanja lill-parti civili Nicholas Bianco fejn dan qal li meta hu u l-habib tieghu kienu hergin mill-istabbiliment Places giet persuna fuqhom u dan ta daqqa ta' ponn lil Richard Bernard. Mad-daqqa Bernard waqa' mal-art u wegga' u huma marru l-isptar minhabba li kellu hafna demm ma' wiccu. Dan ix-xhud spjega li qabel ma marru Places huma kienu dahlu f'diversi stabbilimenti ohra fejn hadu xorb alkoholiku. Huwa zied li meta dahlu Places huma xorbu birra fejn damu ghal ftit hin u telqu 'l barra minghajr ma' kellmu lil hadd. Bianco qal ukoll li meta kienu hdejn il-bar ra lill-imputat gej magenbhom u rah jaghti daqqa wahda lil-habib tieghu. Huwa jghid li ma ra xejn f' idejn l-imputat u jsostni li ma jafx x' kienet ir-raguni li l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Richard Bernard.

Fl-udjenza tat-22 ta' Marzu 2013 xehed l-imputat Silio Schembri fejn qal li fit-3 ta' Marzu 2012 kien mar flimkien ma' hbieb tieghu u t-tfajla tieghu fl-istabbiliment 'Places' u waqt li kienu f'dan il-post huwa ra guvni li ma kienx jafu li beda' jitrekken mat-tfajla tieghu. Dak il-hin it-tfajla tieghu resqet pass lura sabiex dak il-guvni ma joqghodx ihakkek maghha izda dan dar lejha sabiex jipprova jkellimha u hija qaltlu biex ihalliha bil-kwiet u qamet minn hdejh u marret tpoggi hdejn l-imputat fejn dawret idejha

[4] PS 1273 xehed fis-seduta tal-20 ta' Lulju 2012 fejn ikkonferma li kien prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Huwa ha wkoll ir-rapport relattiv tal-kaz (dok KM1). Huwa esebixxa r-rapport a fol 81.

m'ghonqu. L-imputat jispjega li dan il-guvni beda' jkellmu hazin bl-Ingliz waqt li habib tal-imputat beda jghidlu biex jitlaq 'l hemm. F'mument minnhom dan il-guvni rega' resaq lejhom u beda' johrog subghajh tan-nofs u f'dak il-mument l-imputat qam u tah daqqa ta' ponn u l-guvni mbaghad waqa' fuq kolonna tal-hgieg. L-imputat spjega li huwa ttiehed l-Ghassa ta' San Giljan mill-Pulizija li gew fuq il-post. L-imputat sostna li meta ra lil dan il-guvni (Richard Bernard) jittanta lit-tfajla tieghu gietu sahna ta' mument u tah daqqa ta' ponn.

Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2013 xehed Kerstin Schembri fejn qal li huwa kien flimkien mat-tfajla tieghu kif ukoll iltaqa' mal-habib tieghu Silio Schembri. Huma marru gewwa l-istabbiliment 'Places' fejn marru jizfnu u jixorbu. Huwa zied jghid li ra dan il-guvni li beda jghaddi qalb in-nies jissalvagja u jimbotta lin-nies u jaghtihom bi spallejh. Huwa qal li ra lil dan il-guvni li beda jaghmel il-parti tieghu ta' quddiem mal-parti ta' wara tat-tfajla ta' Silio Schembri (Raisa) u rah jaqbadha minn genbejha. Ix-xhud zied jghid li dak il-hin Raisa bdiet turih li qeghda mal-imputat u peress li huwa nduna li seta' jinqala' l-inkwiet qal lil dan il-guvni sabiex jitlaq minn hdejhom izda minflok dan ma tax kaz u beda' johrog subghajh tan-nofs u jersaq lejhom sabiex jisfida lill-imputat. Ix-xhud spjega li l-imputat dak il-hin ta daqqa ta' ponn lil dan il-guvni li waqa' mal-art u gie fuq kolonna tal-hgieg.

Fl-udjenza tat-3 ta' Mejju 2013 xehdet it-tfajla tal-imputat Raisa Spiteri fejn din qalet li dakinhar li nqala l-argument li jifforma l-

mertu tal-kawza odjerna hija kienet flimkien mal-gharus taghha (l-imputat) u ma’ koppja ohra fl-istabbiliment ‘Places’, Paceville u waqt li kienet qed tizfen mar guvni fuqha u beda’ jhakkek maghha minn wara u f’hin minnhom hasset xi hadd ipoggi id ma’ zaqqha u jigbidha lejh u mbaghad beda’ jhokk mal-warrani taghha. Ix-xhud spjegat li hija dak il-hin marret hdejn l-imputat u poggiet idejha ma ghonqu sabiex turi lil dan il-guvni li hija kienet ma xi hadd izda dan minflok telaq ‘l hemm beda joffendihom bl-Ingliz u hareg subghajh tan-nofs u f’ dak il-mument l-imputat ma qal xejn izda l-habib taghhom Kerstin qal lill-guvni sabiex jitlaq ‘l hemm. Dan il-guvni baqa’ jersaq lejhom u johrog subghajh tan-nofs u kompla jkellimhom hazin u f’dak l-istadju l-imputat qam u tah daqqa ta’ ponn u dan il-guvni waqa’ u gie fuq kolonna tal-hgieg. Ramona Chetcuti li xehdet waqt l-udjenza tal-31 ta’ Mejju 2013 ikkorroborat in toto dak li qalet Raisa Spiteri.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet f’dan il-kaz jirrizulta li hemm qbil li l-imputat ta’ daqqa ta’ ponn lill-parti civili Dr. Richard Bernard u li dan waqa’ fuq kolonna tal-hgieg li kien hemm fl-istabbiliment ‘Places’ izda mbaghad hemm verzjonijiet ghal kollox kunfliggenti dwar x’wassal ghal dan l-agir tal-imputat fejn dan tal-ahhar u n-nies li kienu qeghdin mieghu isostnu li l-imputat wasal sabiex jagixxi b’dan il-mod f’sahna tal-mument wara li l-parti civili kien qed jittantalu t-tfajla b’mod persistenti u wara li huwa beda’ ipprovokah u joffendih u johroglu subghajh

mentri il-parti civili u siehbu jghidu li l-imputat mar fuq Bernard u fajjarlu daqqa ta’ ponn minghajr ebda raguni u dan waqt li huma kienu hergin mill-istabbiliment.

Illi d-Difiza tikkontendi li l-imputat agixxa minhabba passjoni istantanja minhabba li Richard Bernard beda’ jaqbad mat-tfajla tieghu b’mod persistenti u wara li hija ma tatux wicc u ndikatlu b’mod car li kienet ma’ haddiehor fejn imbaghad Bernard beda’ joffendihom u jurihom subghajh tan-nofs. Illi f’dak il-mument l-imputat qam u ta daqqa ta’ ponn wahda lil Richard Bernard bil-konsegwenza li dan waqa’ fuq kolonna tal-corian u wegga’ b’mod aktar gravi mid-daqqa nnifisha u kkaguna hsara fil-kolonna.

Din il-Qorti jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u min-nies li kienu qed jakkompanjawh u dan ghal diversi ragunijiet. L-ewwel u qabel kollox il-Qorti setghat tinnota li kemm il-parti civili kif ukoll siehbu Nicholas Bianco naqsu milli jindikaw ir-raguni il-ghala inqala’ dizgwid bejnhom u bejn l-imputat u l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda indika bic-car li huma deliberatament kienu qed ihallu hafna fatti rilevanti barra mix-xhieda taghhom. Il-Qorti ssibha difficli tifhem kif bniedem qieghed ghall-affari tieghu fi stabbiliment ta’ divertiment mat-tfajla u ma shabu jaqbad u jmur u jaghti daqqa ta’ ponn lil bniedem li kien hiereg il-barra minghajr ma jafu u ghall-ebda raguni ta’ xejn, kif qed jindika li gara l-parti civili. Il-Qorti setghat tinnota li filwaqt li meta xehed

PC 1104 Silvio Spiteri dan indika li l-imputat ma kellux riha ta' xorb il-habib tal-parti civili indika kjarament li hu u l-parti civili kienu marru f'diversi stabbilimenti u xorbu l-alcohol. Dan jindika li l-parti civili kien xurban meta agixxa bil-mod indikat mill-imputat u mit-tfajla tieghu u shabhom. Il-Qorti setghat ukoll tinnota li l-imputat kien dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti minnu moghtija kemm meta tkellem mal-Pulizija li akkompanjawh l-Ghassa immedjatament wara l-incident kif ukoll meta rrilaxxja l-iStqarrija u mbaghad meta xehed f'dawn il-proceduri fejn huwa dejjem indika li agixxa b'dak il-mod wara li Bernard  ittantatalu t-tfajla, offendihom u urihom subghajh tan-nofs.

Ikkunsidrat:

Illi l-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza nostrana huwa pacifiku li:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament*

*riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghallgudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed*

*it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[5]

Illi huwa pacifiku wkoll li sabiex offiza tigi klassifikata bhala gravissima ma jridx jigi pruvat biss li l-hsara kagunata tista' ggib perikolu ta' debilita' fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem permanenti, imma jrid jigi pruvat li huwa probabbli li dik id-debilita' tkun permanenti. Fil-fatt fis-subartikolu 2 tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 hemm indikat li:

*Id-debulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem ….. jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx huma hekk.*

Illi in kwantu jirrigwarda l-griehi sofferti minn Richard Bernard fil-kaz odjern gie konfermat minn diversi tobba li xehdu f'dawn il-proceduri li bhala rizultat tal-incident huwa sofra griehi fuq xuftejh, ksur f'idu u ferita f'subghajh. B'rizultat tad-daqqa fuq xufftejn kellu jigi riferut ghand plastic surgeon. Irrizulta wkoll li f'subghajh kellhom isirulu xi punti. Mr. Francis Darmanin li huwa plastic surgeon ikkonferma fix-xhieda tieghu li Richard Bernard kellu sfregju permanenti fuq wiccu. Illi ghalhekk ma hemmx dubju li l-griehi sofferti minn Richard Bernard kienu gravi *per durata* fis-sens tas-subartikolu (d) ta' l-artikolu 216. Mid-depozizzjoni tal-plastic surgeon Mr Francis Darmanin li

[5] Pulizija vs Joseph Azzopardi Appell Kriminali 30.07.2004

kkonferma li Richard Bernard kellu marka permanenti fuq wiccu jirrizulta wkoll li Bernard sofra sfregju permanenti hekk kif inhu indikat taht l-Artikolu 218 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk l-offiza kagunata ghandha titqies bhala gravissima. Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tad-Difiza li n-natura tal-feriti li sofra l-imputat kienu xi rizultat ta' kawzi indipendenti mill-agir tal-imputat. Il-plastic surgeon Mr. Francis Darmanin spjega li huwa ra lil Bernard jumejn wara li rah l-ewwel darba fejn kellu jerga' joperah f' xufftejn minhabba li l-gisem agixxa differenti ghall-kura li nghatatlu. Fil-fehma tal-Qorti dan ma jfissirx li l-isfregju permanenti ma kienx konsegwenza tal-agir tall-imputat. Dan qieghed jinghad ukoll b' riferenza ghall-imputazzjoni ta' hsara nvolontarja taht l-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

L-Artikolu 230 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li offiza volontarja fuq il-persuna hija skuzabbli fil-kazijiet maghdudin bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-Artikolu 227(c). L-Artikolu 227(c) jipprovdi li l-omicidju volontarju huwa skuzabbli:

*Meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt linfluwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt taddelitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha; sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis legħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta'*

*demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib leffett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi taddelitt.*

L-Artikolu 227 (c) kif emendat ma' jaghmel ebda referenza ghall-provokazzjoni izda jitkellem biss dwar agir taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ li minħabba fiha fil-waqt tad-delitt persuna ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha. Ghal dik li hija passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh jehtieg li jkun hemm provi ta' passjoni istantanja jew li mill-provi jkun jirrizulta "so much evidence as might raise a reasonable doubt in the minds of the jury" li l-agir tal-vittma, f'dan il-kaz ta' Richard Bernard fil-konfront tal-imputat, holoq stat ta' agitazzjoni tal-mohh li effettwalu l-kapacita' riflettiva tieghu. Sabiex l-offiza volontarja tkun skuzabbli taht il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 230 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jehtieg li l-persuna li tikkommettih fil-waqt tad-delitt ma tkunx fi stat li tqis l-ghemil taghha minhabba li tkun taht l-influwenza immedjata (i) ta' passjoni istantanja, jew (ii) ta' agitazzjoni tal-mohh. Fil-kazijiet fejn l-imputat jitqies li ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu jinhtieg li fil-fatt l-offiza gravi tkun saret minhabba sahna ta' demm u mhux ghaliex kien hemm il-hsieb maghmul minn qabel li jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna. Tali agir min-naha tal-imputat trid tkun tali li f'nies ta' temperament ordinarju, komunament iggib l-effett li wiehed ma jkunx kapaci li jqis il-konsegwenzi tad-delitt.

Illi fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li Richard Bernard bl-agir tieghu meta ttanta lil Raisa Spiteri li tigi l-gharusa tal-imputat u b' dak li ghamel sussegwentement meta beda' joffendih u jipprovokah b' gesti u kliem u dan anki wara li ntalab jersaq 'l hemm mill-habib tal-imputat Kerstin Schembri, geghlu jagixxi b' passjoni istantanja meta huwa qam u tah daqqa ta' ponn wahda fejn imbaghad graw il-konsegwenzi ndikati aktar il-fuq, u cioe' fejn Bernard spicca waqa' fuq l-kolonna tal-hgieg u wegga' gravement u kkaguna hsara fil-kolonna.

Illi dawn il-fatti jindikaw li l-imputat agixxa f' sahna ta' mument fejn bhala bniedem ta' temperament ordinarju tilef il-kapacita' li jqies il-konsegwenzi. Irid jinghad li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-imputat kellu xi hsieb li jpattiha lil Richard Bernard qabel ma ta l-ewwel u l-unika daqqa ta' ponn.

Ghaldaqstant dina l-Qorti ser ssib lill-imputat hati taht l-Artikoli 214, 216, 218(1)(b) u 328(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda ser tqis dawn ir-reati bhala skuzabbli taht dawk ic-cirkostanzi tal-artikolu 230 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u c-cirkostanzi tal-kaz jidrilha li m' ghandiex timponi piena karcerarja effettiva izda ser tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tat-30 ta’ Novembru 2012 u senjatament l-Artikoli 214, 215, 216, 218(1)(b),(2), 328, 227(c), 230(b), 232(a), 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu izda kif inghad aktar il-fuq ir-reati qed jitqiesu bhala skuzabbli ai termini tal-Artikolu 230(b) tal-Kodici Kriminali u qed tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta’ tmintax (18) –il xahar millum.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b’ obbligazzjoni personali taht penali ta’ tlett mitt Ewro ghal zmien tnax –il xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Dr. Richard Bernard.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------